# Stqarrija

## Irreġistrati aktar minn 240 każ ta' kaċċa illegali waqt Raptor Camp 2025: Fil-mira jibqgħu l-aktar it-tajr tal-priża u l-użu sfaċċat ta' għajjat elettroniku

Raptor Camp 2025 organizzat minn BirdLife Malta għal darb' oħra kien strumentali biex ikun magħruf kemm hi mifruxa l-kaċċa illegali. B'kollox ġew irreġistrati 242 każ ta' kaċċa illegali f'inqas minn xahar, bejn it-12 ta' Settembru u l-5 ta' Ottubru. Minkejja li Raptor Camp seħħ b'medja ta' tliet timijiet kuljum, magħmul minn 12-il voluntier barrani u 16-il membru tal-istaff u voluntiera ta' BirdLife Malta, it-timijiet irreġistraw medja ta' 10 illegalitajiet kuljum.

Ħafna mill-każijiet, 72%, kienu jinvolvu l-użu ta' għajjat elettroniku, li jikkonsisti f'tagħmir b'għajta ta' għasfur irrekordjata u tindaqq il-ħin kollu, biex jattira għasafar slavaġġ ta' dik l-ispeċi. Apparat wieħed minn kull ħamsa b'dan l-għajjat elettroniku, kienu qed jattiraw speċi protetti bħat-Tellerita, Russett Griż u anki Qattus (speċi ta' Kokka). L-għajjat elettroniku użawh l-aktar bil-lejl sa' kmieni filgħodu u ħafna kaċċaturi kienu osservati jixgħelu dan it-tagħmir biex jattiraw speċi bħal Buqrajq, u jitfuħ għall-ħabta tas-6.20am - fenomenu li ġie osservat f'żoni u fi ġranet differenti. Sfortunatement, għax il-pulizija li jkunu assenjati għal operazzjonijiet fil-kampanja jibdew xogħol wara l-bidu tal-ħinijiet tal-kaċċa, din fiha innifisha hija garanzija biex il-pulizija ma tkunx tista' taqbad fil-fatt lill-kaċċaturi li jużgħu dan l-apparat elettroniku. Filfatt ħafna mir-rapporti minn BirdLife Malta dwar użu illegali ta' għajjat elettroniku ma tawx riżultati konkreti ħlief f'każ wieħed fl-inħawi tan-Naxxar.

Din is-sitwazzjoni hija aggravata min-nuqqas kważi totali ta' pulizija fil-kampanja. Kultant kien ikun hemm unit wieħed biss xogħol mit-taqsima tal-Environmental Protection Police, biex ikopri l-Malta kollha. Dan huwa ferm inqas minn sitt units li ġieli kien ikun hemm preżenti fil-kampanja fil-passat, waqt l-aktar żmien bieżel tal-passa tat-tajr tal-priża. Il-pulizija rrispondew għal ħafna mir-rapporti ta' illegalitajiet li saru minn BirdLife Malta. Bħala medja l-pulizija kienu jduma 51 minuta sabiex jaslu fuq il-post u dan ikompli juri d-diffikultà biex il-pulizija jirrispondu għal diversi rapporti li jsiru minn BirdLife Malta, minn għaqdiet oħra mhux governattivi u mill-pubbliku fl-istess ħinijiet.

Sfortunatament it-tajr tal-priża reġa' kien l-aktar grupp ta' tajr li safa vittma ta' kaċċa illegali. Il-maġġoranza tal-illegalitajiet osservati kienu diretti lejn il-Bagħdan Aħmar u lejn il-Kuċċard - it-tnejn speċi strettament protetti taħt il-liġi Maltija u dik Ewropea. Mid-19-il għasfur li ġabret BirdLife Malta, mill-bidu tal-istaġun, terz minnhom kienu Spanjuletti, filwaqt li l-pulizija u awtoritajiet oħra ġabru minn tal-inqas, sitt speċi oħra ta' protezzjoni għolja fosthom Birwina u Gawwija Munqarha Aħmar li hija speċi f'riskju.

Fl-aħħar jiem, BirdLife Malta appellat lill-ogħla uffiċjali tal-pulizija biex jiġu assenjati aktar pulizija mal-Environmental Protection Unit biex ikunu jistgħu ikopru s-sigħat bikrin tal-ġurnata u l-gżira kollha. Hekk kif l-istaġun tal-kaċċa se jkompli fil-ġimgħat li ġejjin, l-użu ta' għajjat elettroniku

mistenni jkompli jilħaq livelli bla kontroll għaliex il-kaċċaturi jabbużaw mil-limitu taż-żmien u min-nuqqas ta' riżorsi fil-qasam tal-infurzar, u jixgħelu dan l-apparat li kultant jinstema anki minn ċerti żoni urbani.

"Kuljum qed nirċievu rapporti ta' għasafar protetti li jkunu sparaw fuqhom u nstabu mill-pubbliku, f'dak li hu kollass tanġibbli fil-kapaċità ta' infurzar li minnu qed jibbenefikaw biss min hu determinat li jikser il-liġi," qal Nicholas Barbara, Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta.

B'kumbinazzjoni, matul l-aħħar jiem rajna anki politiċi ifaħħru il-lobby tal-kaċċa, iżda lanqas kelma waħda ma ntqalet biex jikkundannaw l-illegalitajiet jew jappoġġjaw lill-Pulizija fit-tisħiħ tal-infurzar.

## TMIEM

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Ħoloq utli: Illegal hunting soars as enforcement collapses | BirdLife Malta

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**
1. Early morning monitoring
2. A Honey-buzzard (Kuċċarda) with dangling leg
3. A Raptor Camp team in the field
4. Marsh Harrier (Bagħdan Aħmar) with evident gunshot damage to the wing at Buskett
5. A hunter's informant in the background
6. Shot Common Kestrel (Spanjulett) from Nadur Gozo with eye injury

**Filmati:**
1. Enforcement Breakdown:
   Facebook: https://fb.watch/CEHO5t5PlT/
   Instagram:
   https://www.instagram.com/reel/DPoMiTiFYUF/?utm_source=ig_web_copy_link&igsh=MzRlODBiNWFlZA==
   TikTok:
   https://www.tiktok.com/@birdlifemalta/video/7559562563537636630
   YouTube: https://youtube.com/shorts/XPkczgCWsVg

2. Birds shot illegally:
   Facebook: https://fb.watch/CEs2rjMmNZ/

Instagram:
https://www.instagram.com/reel/DPjiQwxiNV2/?utm_source=ig_web_copy_link&igsh=MzRlODBiNWFlZA==
TikTok:
https://www.tiktok.com/@birdlifemalta/video/7558849859705392406?is_from_webapp=1&sender_device=pc&web_id=7452020312496178720
YouTube: https://youtube.com/shorts/5ULCEVkLg2E?si=4DbWZXA5T84weC8o